# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020

**Kawza Nru. 3**

**Rik. Nru. 148/10JRM**

Abdel Hamid **ALYASSIN**

vs

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni; l-Avukat Ġenerali; il-Ministru tal-Affarijiet Barranin; u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates*

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-17 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti ssib li għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u (b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni meħuda mill-imħarrkin f'Settembru tal-2009, li ċaħdulu t-talba tiegħu biex jagħtuh iċ-ċittadinanza Maltija, ma tiswiex u hija mingħajr effett u dan għaliex, meta ressaq it-talba li huwa għamlilhom f'April tal-1999, huwa kien jikkwalifika biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija skond il-liġi fis-seħħ dak iż-

żmien. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ kull jedd ieħor tiegħu għal kull azzjoni oħra kontra l-istess imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Frar, 2010, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-12 ta' Marzu, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew li (i) l-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma messhomx tħarrku f'din il-kawża għax m'humiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi, u (ii) l-istess imsemmija azzjoni, safejn imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 waqgħet għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-istess Kapitolu, billi tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi u dan billi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija ttieħdet fl-2001 u mhux fl-2009, kif jallega l-attur; u (iii) l-azzjoni, safejn imsejsa fuq l-artikolu 469A(1)(a) m'hijiex proponibbli u dan billi t-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza hija regolata bil-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux mill-Kostituzzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talba tal-attur m'hijiex mistħoqqa u ma jmisshiex tintlaqa';

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010[1], li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, tkun trattata t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin u tingħata deċiżjoni dwarha;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Novembru, 2011[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, u sabet li l-azzjoni attriċi, safejn mibnija fuq twaqqigħ tad-deċizjoni amministrattiva skond l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma tiswiex għaliex tressqet wara li kien għalaq iż-żmien li fih messha tressqet;

Rat ix-xhieda u d-dokument imressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2013[3], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq miż-żewġ partijiet[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 55 tal-proċess
[2] Paġġ. 81 sa 87 tal-proċess
[3] Paġ. 164 tal-proċess
[4] Paġ. 165 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li din il-Qorti tistħarreġ – għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – id-deċiżjoni tal-imħarrkin li ċaħdu t-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija. Huwa jgħid li, meta kien ressaq it-talba f'April tal-1999, il-liġi fis-seħħ kienet tagħtih li huwa jikseb iċ-ċittadinanza Maltija, ladarba hu kien miżżewweġ mara Maltija. Wara żmien twil jistenna, talab lill-awtoritajiet jgħidulu meta kienu se jiddeċiedu dwar it-talba tiegħu, iżda wara li naqsu li jweġbuh u bagħtilhom ittra uffiċjali, qalulu li t-talba tiegħu ma kenitx intlaqgħet. Huwa jgħid li dik id-deċiżjoni ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett għax tmur kontra l-Kostituzzjoni u, minbarra dan, hija *ultra vires*;

Illi l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. Tlieta kienu l-eċċezzjonijiet ta' sura preliminari: (a) li l-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali m'humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-atturi, (b) li, safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(b), waqgħet billi għalaq iż-żmien li fih setgħet titressaq u (ċ) f'kull każ, l-azzjoni attriċi safejn tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(a) ma setgħetx titressaq għaliex, fiż-żmien rilevanti għall-każ, kienet tgħodd il-Liġi dwar l-Immigrazzjoni u mhux il-Kostituzzjoni. Fil-mertu, jgħidu li l-imħarrkin imxew mal-liġi u mhux b'mod arbitrarju, għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur twieled is-Sirja fl-1958. F'Marzu tal-1999, iżżewweġ mara Maltija[5]. Tliet ġimgħat wara, fis-6 ta' April, ressaq talba biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija (Nru. 39/99)[6], u ħallas ukoll id-dritt mitlub. Fl-20 ta' April, 1999, irċieva talba mingħand l-Uffiċċjal Ewlieni dwar l-Immigrazzjoni[7] li talbitu jmur sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'xi dokumenti b'rabta mat-talba li huwa kien għamel. Ftit taż-żmien wara, ressaq talba oħra għaċ-ċittadinanza (Nru. 139/99). Aktar tard dik is-sena, l-attur kien ingħata *status* ta' persuna eżenti (Nru. 499/99) taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u nħarġitlu wkoll Karta tal-Identità Maltija[8];

[5] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[6] Dok "JM1", f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[8] Dok. "MC1", f'paġ. 121 tal-proċess

Illi b'ittra maħruġa fis-27 ta' Marzu, 2001[9], mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Immigrazzjoni, l-ewwel talba tal-attur ma ntlaqgħetx. L-ittra kellha l-indirizz tal-post li l-attur kien semma bħala d-dar fejn qed jgħix[10], iżda huwa qiegħed jgħid li dik l-ittra ma waslitlux. Kemm hu hekk, f'Mejju tal-2001, kien qabbad avukat biex jibgħat jistaqsi fejn kienet waslet l-applikazzjoni tiegħu[11]. Id-Direttur bagħat iwieġeb lill-avukat b'ittra tal-24 ta' Mejju, 2001, li fiha reġa' semmielu d-deċiżjoni meħuda f'Marzu tal-2001[12]. Ma jirriżultax li l-attur ingħata raġuni wara ċ-ċaħda mill-Awtoritajiet' tal-applikazzjoni tiegħu[13];

Illi, sadattant, fi stqarrija li mart l-attur għamlet ma' uffiċjal tal-Pulizija f'Ġunju tal-1999, qalet li hi u żewġha kienu nfirdu minn ma' xulxin ftit ġimgħat biss wara li żżewġu. L-Awtoritajiet ġew mgħarrfa b'dan it-tagħrif[14]. Jirriżulta wkoll li mal-Awtoritajiet, hija ddikjarat lilha nnifisha bħala "xebba" u li ma kellhiex residenza fissa[15]. Bejn Diċembru 2001, u Settembru 2002, mart l-attur kienet detenuta fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin[16], u f'Mejju 2002 welldet iben li jġib kunjom l-attur[17] waqt li kienet qiegħda sservi sentenza fl-istess Faċilità[18]. Mart l-attur nstabet mejta f'Settembru tal-2002[19], f'post abbandunat fil-Belt Valletta[20], ftit jiem wara li nħelset mill-Faċilità Korrettiva;

Illi f'Lulju tal-2006[21], l-attur intalab mill-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex imur sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'rabta mal-kwestjoni tat-tieni applikazzjoni li huwa kien ressaq dwar iċ-ċittadinanza tiegħu;

Illi l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin f'Awissu tal-2009[22], jitlobhom biex jieħdu deċiżjoni dwar it-talbiet tiegħu għall-għoti ta' ċittadinanza Maltija fi żmien xahar. Fis-7 ta' Settembru, 2009[23], bagħtu jweġbuh b'ittra uffiċjali, li t-talbiet tiegħu ma kinux mistħoqqa u biex ma jkomplix jagħmel spejjeż bla bżonn. L-attur fetaħ din il-kawża fis-17 ta' Frar tal-2010;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali,</u> din il-Qorti jeħtiġilha tqis is-siwi tal-ilment tal-attur fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom

[9] Dok "JM", f'paġ. 31 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Joseph Mizzi f'paġ. 73 tal-proċess
[11] Dok "JM2", f'paġ, 62 tal-proċess
[12] Dok "JM3", f'paġ. 63 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Joseph Treeby Ward f'paġ. 64 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Mizzi f'paġ. 138 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-Kontastabbli Moira Cortis f'paġ. 132 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 122 tal-proċess
[15] Dok. "AZ1", f'paġ. 142 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Assistent Kummisarju Neil Harrison f'paġ. 148 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tas-Supretendent Abraham Żammit. Ara wkoll Dok. "AZ2". F'paġ. 143 tal-proċess
[17] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[18] Dok "JT1", f'paġ. 163 tal-proċess
[19] Dok "AZ2", f'paġ. 144 tal-proċess
[20] Xhieda tal-Ass. Kummissarju Neil Harrison f'paġ. 147 tal-proċess
[21] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess
[22] Dok "E", f'paġ. 11 tal-proċess
[23] Dok "F", f'paġ. 15 tal-proċess

huwa jsejjes it-talba tiegħu, issa li bis-sentenza preliminari, l-istħarriġ irid jitqies biss fuq jekk l-għemil amministrattiv impunjat jiksirx il-Kostituzzjoni;

Illi dan jitlob li fl-ewwel lok il-Qorti trid tistħarreġ is-siwi tat-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin li tgħid li l-azzjoni attriċi safejn tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma setgħetx titressaq għaliex, fiż-żmien rilevanti għall-każ, kienet tgħodd il-Liġi dwar l-Immigrazzjoni (il-Kap 188) u mhux il-Kostituzzjoni;

Illi l-attur, min-naħa l-oħra, jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jgħid li din l-eċċezzjoni mhix tajba, għaliex it-talba tiegħu kienet regolata bl-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fuq kollox, jisħaq li meta kien talab li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, il-qagħda tiegħu kienet waħda li bis-saħħa tagħha ma jistax ikun li t-talba tiegħu ma kellhiex tintlaqa';

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża ma hemm l-ebda dubju li l-attur kien tassew iżżewweġ persuna ta' ċittadinanza Maltija. Fiż-żmien ta' dak iż-żwieġ, kien mogħti li persuna barranija li tiżżewweġ ċittadin ta' Malta setgħet titlob li hija wkoll issir ċittadin ta' Malta. Tajjeb li jingħad li fiż-żmien li l-attur ressaq it-talba biex jingħata ċ-ċittadinanza ta' Malta (f'April tal-1999) il-liġi li kienet tirregola l-għoti taċ-ċittadinanza kienet il-Kostituzzjoni. Kemm hu hekk, il-liġi ordinarja li tirregola ċ-ċittadinanza kienet tagħmilha ċara li ma kenitx tiswa għal kull applikazzjoni għal għoti ta' ċittadinanza li saret qabel il-15 ta' Awissu tal-1999[24];

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-aspett ma jistax jitwarrab meta tqis il-każ tal-attur. Għalkemm id-deċiżjoni mid-Direttur imħarrek li minnha jilminta l-attur u li hu jrid it-tħassir tagħha jgħid li ttieħdet f'Settembru tal-2009, il-kejl tas-siwi tagħha jrid jitqies fil-qafas ta' dak li kien mitlub mil-liġi fiż-żmien li saret it-talba[25];

Illi fiż-żmien li l-attur ressaq it-talba biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija, kienet il-Kostituzzjoni ta' Malta li tirregola l-kriterji li fuqhom persuna li tiżżewweġ ċittadin ta' Malta kienet tkun eliġibbli biex tikseb iċ-ċittadinanza Maltija hija wkoll. Dak iż-żmien[26], l-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni kien jistipula li "*(1) Kull persuna li fi jew wara l-ġurnata stabbilita tiżżewweġ lil xiħadd li jkun jew li jsir ċittadin ta' Malta jkollha d-dritt, wara li tagħmel applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jkun preskritt u wara li tieħu l-ġurament tal-lejaltà, tkun reġistrata bħala ċittadin ta' Malta. (2) B'seħħ mill-1 ta' Awwissu, 1989, ħadd ma jkollu jedd jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan l-artikolu*

[24] Art. 27(2) tal-Kap 188
[25] P.A. TM **2.11.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Fenech vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku*** (mhix appellata)
[26] Qabel ma tħassar bis-saħħa tal-Att III tal-2000

*ħlief jekk: (a) il-Ministru jkun soddisfatt li l-għoti ta' ċ-ċittadinanza lil dik il-persuna ma jmurx kontra l-interess pubbliku; u (b) fid-data ta' l-applikazzjoni tagħha dik il-persuna kienet għadha miżżewġa ma' ċittadin ta' Malta, jew tkun l-armla jew l-armel ta' persuna li kienet ċittadin ta' Malta filwaqt tal-mewt tiegħu jew tagħha*";

Illi minn eżami tal-liġijiet li jirregolaw it-talbiet għall-għoti ta' ċittadinanza bejn April tas-sena 1999 u l-aħħar tas-sena 2000, jirriżulta li l-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni ġie imħassar bl-Att III tas-sena 2000[27], u minfloku ddaħħlet taqsima ġdida fl-Att Dwar iċ-Ċittadinanza Maltija li permezz tagħha tirregola ċittadinanza miksuba b'reġistrazzjoni wara żwieġ[28]. Taħt l-artikolu 27 tal-Att IV tas-sena 2000, applikazzjoni għal reġistrazzjoni li tkun tressqet qabel il-15 ta' Awwissu, 1999, ma kellhomx jintlaqtu mill-emendi li ddaħħlu bl-istess Att;

Illi mill-fatti jirriżulta li l-attur ressaq l-applikazzjoni tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija (Nru. 39/99) fis-6 ta' April, 1999[29], għaldaqstant dan kien qabel il-15 ta' Awwissu, 1999, kif preskritt fl-Att IV tas-sena 2000. Dan ifisser li l-emenda introdotta lill-Kostituzzjoni bl-Att IV tas-sena 2000 ma kinetx tapplika fil-konfront tiegħu, ifisser għaldaqstant illi l-applikazzjoni tal-attur kienet regolata bl-artikolu 26 qabel ma ġie mħassar;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhix tajba w għandha tiġi miċħuda;

Illi jmiss li l-Qorti tqis il-**mertu tal-każ**. Dak li l-attur jilmenta minnu huwa d-deċiżjoni tal-imħarrkin li biha ċaħdu t-talba tiegħu biex jingħata ċ-ċittadinanza Maltija. Huwa jgħid li, meta kien ressaq it-talba f'April tal-1999, il-liġi fis-seħħ kienet tagħtih li huwa jikseb iċ-ċittadinanza Maltija, ladarba hu kien miżżewweġ mara Maltija. Wara żmien twil jistenna, ġie mgħarraf li t-talba tiegħu ma kenitx intlaqgħet. Huwa jgħid li dik id-deċiżjoni – li huwa jisħaq li ma ngħatatlu l-ebda raġuni għaliex ittieħdet kif ittieħdet – ma tiswiex u ma għandha l-ebda effett għax tmur kontra l-Kostituzzjoni. Waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-attur jiċċara li d-deċiżjoni kienet tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 tal-Kostituzzjoni;

Illi għal din ix-xilja, l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li żwieġ minn barrani ma' persuna Maltija ma jwassalx għal xi jedd awtomatiku li jingħata ċittadinanza Maltija, dan għaliex l-għoti taċ-ċittadinanza, skond l-artikolu 26

[27] Art. 3 tal-Att Numru III ta' l-2000, Att biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta
[28] Art. 5 tal-Att IV tas-sena 2000, Att biex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija
[29] Dok "JM1", f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess

tal-Kostituzzjoni, jaqa' fid-diskrezzjoni tal-Ministru, u tali talba għandha tiġi miċħuda kemm-il darba lill-Ministru tirriżultalu li tmur kontra l-interess pubbliku, fost raġunijiet oħrajn;

Illi l-Qorti tifhem li l-Ministru għandu diskrezzjoni u setgħa bil-liġi li jqis it-talbiet li jsirulu għall-għoti taċ-ċittadinanza, iżda din id-diskrezzjoni mhix wiesgħa b'mod li jista' jqis li jrid u li jogħġbu jew li hija nieqsa minn kriterji li tistabilixxi l-liġi (f'dan il-każ, il-Kostituzzjoni) li fuqhom irid jimxi fil-proċess diskrezzjonali mogħti lilu. Kemm hu hekk, il-liġi (taħt l-artikolu 26(2)(a) u (b) tal-Kostituzzjoni) tagħti direzzjoni lill-Minsitru, biex iqis meta talba m'għandhiex tintlaqa' jew meta jmissha tintlaqa';

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li l-Ministru ċaħad it-talba li ressaq l-attur[30]. Ġie mfisser lill-Qorti li l-prassi li kienet tintuża meta persuna tressaq applikazzjoni għall-għoti taċ-ċittadinanza kienet li l-Ministru jsejjaħ laqgħa mad-Direttur taċ-Ċittadinanza w rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, u skond x'jirriżulta mill-verifiki li jsiru, kemm mid-Dipartiment kif ukoll mill-Pulizija, il-Ministru jasal għad-deċiżjoni tiegħu[31]. Din id-deċiżjoni tiġi mbagħad mgħarrfa lid-Direttur li b'ittra jikkomunikaha lill-applikant. It-tgħarrif tad-deċiżjoni lill-persuna li tkun applikat ma jinkludix ir-raġuni li tkun wasslet għal dik id-deċiżjoni;

Illi għaldaqstant, il-Qorti sejra tistħarreġ iċ-ċirkostanza li wasslet lill-Ministru biex jiċħad l-applikazzjoni tal-attur. Minn kif ġraw l-affarijiet, lill-Qorti jirriżultalha li ftit jiem wara li l-attur iżżewweġ persuna Maltija (iż-żwieġ fis-sura ċivili seħħ fl-24 ta' Marzu tal-1999) fis-6 ta' April 1999, applika għall-għoti taċ-ċittadinanza[32]. L-applikazzjoni waslet għand l-Awtorità konċernata tant li rċieva sejħa mingħand l-Uffiċċjal Ewlieni dwar l-Immigrazzjoni (fl-20 ta' April, 1999)[33] li talbitu jmur sal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'xi dokumenti b'rabta mat-talba li huwa kien għamel. Jirriżulta wkoll li mart l-attur (fis-7 ta' Ġunju, 1999) stqarret ma' uffiċjal tal-pulizija, li hija kienet infirdet minn ma' żewġha xahar wara li żżewġu. Dan ġie mgħarraf lill-Awtoritajiet konċernati fi Frar, 2000[34]. Malli dan sar magħruf mill-Kwartieri tal-Pulizija, il-Pulizija bagħtet għall-attur u, quddiem martu, stqarr li minħabba problemi mediċi li kellha ma kinux qegħdin jgħixu flimkien. Hekk kif qal dan il-kliem, martu ntrefgħet u nkurlat għalih u telqet 'il barra[35]. Fis-27 ta' Marzu, 2001, intbagħtet ittra ta' rifjut lill-attur mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza[36] fl-indirizz li l-attur innifsu kien ta fl-applikazzjoni tiegħu. Din l-ittra qatt ma waslet għand l-attur

[30] Ara x-xhieda ta' Joseph Mizzi f'paġ. 74 tal-proċess
[31] Ara x-xhieda tal-Onor. Ministru Dr Tonio Borġ f'paġ. 127 tal-proċess
[32] Dok. "JM", f'paġġ. 60 u 61 tal-proċess
[33] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[34] Paġ. 122 tal-proċess
[35] *Ibid*
[36] Dok. "JM", f'paġ. 31 tal-proċess

għaliex huwa ma baqax jgħix f'dak l-indirizz. F'Diċembru, 2001, mart l-attur iddaħħlet fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u mal-Awtoritajiet stqarret li kienet "xebba" kif ukoll li ma kellhiex indirizz fiss fejn toqgħod ('*homeless*'). F'Lulju, 2002, l-attur għarraf lill-Pulizija li kien reġa' beda jgħix ma' martu, imma dan ma setax ikun għaliex dak iż-żmien kienet għadha detenuta. Min-naħa l-oħra, fil-bidu ta' Settembru, 2002, mart l-attur qabbdet avukat biex jgħarraf lill-Pulizija li riedet tibda l-proċeduri tal-annullament taż-żwieġ tagħha minn miegħu[37];

Illi d-Direttur imħarrek jgħid li ċ-ċaħda tat-talba tal-attur għall-għoti lilu taċ-ċittadinanza Maltija kienet dettata minn kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku u dan wara li d-Dipartiment immexxi minnu ngħata tagħrif li l-attur u martu ma kinux jgħixu flimkien fil-waqt tal-mewt tagħha. Dan it-tagħrif ġab miegħu t-tħassib f'moħħ l-awtoritajiet li l-attur inqeda biż-żwieġ biex jorbot lilu nnifsu mal-fakultà li jkun jista' jibqa' f'Malta u jidħol u joħroġ minn Malta bla xkiel u li jkun jista' jaħdem hawnhekk;

Illi, min-naħa l-oħra, jidher li l-attur jisħaq wisq li t-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza ma messhiex ma ntlaqgħetx ladarba huwa kien igawdi l-istat ta' "persuna eżenti" skond l-att dwar l-Immigrazzjoni[38]. Il-Qorti hija tal-fehma li l-għoti tal-istat ta' persuna eżenti ma jridx jitqies fl-astratt u m'hijiex tal-fehma li l-għoti ta' stat bħal dak inissel il-jedd awtomatiku għall-għoti taċ-ċittadinanza. Dak l-istat irid jintrabat ma' ċirkostanza jew ċirkostanzi partikolari (maħsuba mil-liġi nnifisha) li jippermettu lil persuna barranija (u mhux ukoll ċittadin tal-Unjoni Ewropeja) milli jitneħħa minn Malta wara li jagħlqilha ż-żmien li għalih tkun tħalliet tidħol f'Malta. Kemm hu hekk, l-attur innifsu jorbot is-siwi tal-imsemmi stat tiegħu mal-fatt li kien iżżewweġ lil Iris Montesin u li kien għadu miżżewweġ lilha meta din mietet, minbarra l-fatt li din welldet iben li jġorr kunjomu;

Illi huwa jgħid li l-argument tal-imħarrkin li hu ma kienx jgħix mal-mara tiegħu ma jiswiex għaliex għal żminijiet twal matul iż-żwieġ tagħhom, hija kienet rikoverata fi sptar u wkoll fil-Faċilità Korrettiva sal-waqt tal-mewt tagħha. Huwa jgħid li dan ġab li ma kienx f'qagħda li jgħix magħha. Il-Qorti ssib li dan huwa minnu: madankollu, l-imġiba (jew aħjar, in-nuqqas ta' mġiba) tal-attur f'dan ir-rigward ukoll jagħtu 'l wieħed x'jifhem. Kemm hu hekk, tul iż-żmien kollu li Iris Montesin kienet il-ħabs, l-attur ma żarha qatt[39];

Illi għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jdgħajfu l-każ tal-attur. Jagħtuha x'tifhem li l-interess tiegħu kien, l-ewwel u kważi f'kollox, li ma

---

[37] Paġ. 122 tal-proċess
[38] Art. 4(ħ) tal-Kap 217
[39] Xhieda tas-Suprintendent Abraham Żammit, f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess

jitneħħiex minn Malta u mhux li jindokra tassew ir-rabta taż-żwieġ. Fehmiet u mġiba bħal dawn huma raġunijiet tajba biżżejjed biex id-Direttur imħarrek jitħasseb fuq kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku li ma jħallix persuna barranija tinqeda b'istituzzjoni (f'dan il-każ iż-żwieġ) biex tilħaq għanijiet li ma jseddqux tassew dik l-istituzzjoni;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li d-diskrezzjoni mħaddma mid-Direttur imħarrek ma kenitx imsejsa la fuq kunsiderazzjonjjiet barra minn posthom jew fiergħa jew irrilevanti, u lanqas għal għanijiet mhux xierqa. Huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[40]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[41]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[42]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti ma ssibx li d-Direttur imħarrek inqeda b'mod irraġonevoli bid-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi jew li mexa mal-attur b'mod mhux raġonevoli. Minbarra dan, ladarba l-istħarriġ li kellha tagħmel din il-Qorti dwar il-każ speċifiku tal-attur kien jirrigwarda jekk l-għemil amministrattiv kienx imur kontra l-Kostituzzjoni, il-Qorti tasal għall-fehma li mġiebet l-awtoritajiet imħarrkin kienet saret b'rispett sħiħ għal dak li titlob il-Kostituzzjoni f'dak li jirrigwarda l-għażla tagħhom li jilqgħu jew ma jilqgħux it-talba tiegħu għall-għoti ta' ċittadinanza Maltija;

Illi b'żieda ma' dan, hija tasal għall-fehma li kien hemm raġunijiet serji u tajbin biżżejjed li jwasslu lill-Ministru jasal għad-deċiżjoni li ħa fir-rigward tat-talba tal-attur. L-argument tal-attur li bi dritt kellu jedd għaċ-ċittadinanza Maltija mhix minnu: fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma kellu ebda aspettativa leġittima li t-talba tiegħu għall-ħruġ taċ-ċittadinanza kellha tintlaqa' bilfors;

---

[40] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th. Edit), pġ. 295
[41] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[42] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji***

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma seħħlux juri tassew li d-deċiżjoni minnu attakkata ttieħdet bi ksur tal-liġi, u għalhekk, m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma tarax l-ebda ħtieġa li tqis l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin, dwar min minnhom għandu jitqies bħala l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin;

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-talba attriċi**, u issib li d-deċiżjoni tal-imħarrkin li ma jilqgħux it-talba tiegħu għall-għoti taċ-ċittadinanza kienet skond il-liġi;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** billi tajbin fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' Novembru, 2011, jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Frar, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**20 ta' Frar, 2020**